Fit-Tribunal tal-Konsumatur

CCT 30/26/DA

Emanuel Buttigieg

Vs

Go Sicily Travel by Mario Spiteri

Illum 27 ta' April 2026

It-Tribunal,

Ra t-talba pprezentata minn Emanuel Buttigieg fid-9 ta' Frar 2026 u jinnota illi l-intimat ghalkemm debitament notifikat kemm bl-avviz tat-talba kif ukoll bl-avviz tas-seduta baqa' ma pprezentax risposta bil-miktub.

Ra d-dokumenti pprezentati, sema x-xhieda mghotija mir-rikorrent.

Ikkunsidra

Illi permezz tat-talba tieghu r-rikorrent kien qed jitlob s-somma ta' elf disgha mija u tmienja u disghin ewro (€1,998) u dan wara li hallas ghal btala lejn l-Albanija flimkien ma' martu pero spicca biex ma marrux ghal din il-btala.

Illi li gara kien illi wara li r-rikorrenti hallas l-ammont dovut minnu kemm tieghu kif ukoll ta' martu, lil Mario Spiteri biex jitilghu l-Albanija huma gew mghotija brochure li jindika l-hin u l-gurnata tat-tluq mill-ajruport kif ukoll il-hin li fih kellhom jiltaqghu bhala group gewwa l-ajruport. Huma kellhom ikunu l-ajruport fl-10.30 ta' filghodu fl-1 ta' Novembru 2025 sabiex imbaghad l-ajruplan jitlaq fin-12.25 ta' wara nofs inhar. Madankollu jidher illi l-hin tat-tluq inbidel u tmintax-il siegha qabel kellhom isiefru Mario Spiteri baghat email lil Emanuel Buttigieg fejn infurmah b'dan il-bdil u f'din l-email indikalu l-hin il-gdid tat-tluq tal-vjagg.

Illi madankollu bl-ebda mod iehor ma kkomunika mar-rikorrenti biex jaccerta ruhu illi kien ha nota tal-bdil daqstant importanti li wassal sabiex r-rikorrenti u martu tilfu l-btala taghhom.
Illi gara li r-rikorrenti ma rax l-email u fl-1 ta' Novembru 2025 waslu l-ajruport fl-10.30am kif kien miftiehem originarjament. Ma sabu lil hadd u wara li damu jcemplu lil Mario Spiteri, ircevew telefonata minghand l-istess Mario Spiteri fejn infurmahom illi l-grupp kien wasal l-Albanija peress illi kien inbidel il-hin u t-titjira telqet iktar kmieni. B'hekk ir-rikorrenti tilef il-vjagg tieghu.

Illi ghalkemm saru tentattivi mir-rikorrenti sabiex l-intimat Mario Spiteri jirrifondi l-ammont minnu mhallas u li minhabba nuqqas ta' l-istess intimat spiccat tilef il-vaganza, l-intimat wasal biex wieghed li kien ser ihallas biss lura l-ammont ta' mija u wiehed u tmenin ewro (€181) mill-ammont imhallas.

Illi mill-provi jirrizulta illi r-rikorrent ikkonferma d-dettalji dwar it-talba tieghu taht gurament. Galadarba l-intimat la ghamel risposta u lanqas deher sabiex jghati x-xhieda tieghu, l-verzjoni tar-rikorrenti ma hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minnhekk il-verzjoni tar-rikorrenti hija korraborata minn evidenza dokumentali illi ma thalli ebda dubju f'mohh dan it-Tribunal illi l-fatti graw hekk kif gew deskritti u kkonfermati taht gurament mill-istess rikorrent.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal isib illi t-talba tal-attur hija gustifikata fil-ligi sa l-ammont ta' elf, disgha mija u tmienja u disghin ewro (€1,998) mix-xhieda u l-provi dokumentali prodotti fl-atti u ghaldaqstant hemm bazi legali sabiex din it-talba tigi milqugha sa l-imsemmi ammont.
Illi jidher car illi r-rikorrent soffra inkonvenjent kbir meta b'nuqqas tal-intimat li jiehu hsieb illi l-klijenti tieghu kienu mgharrfa sew bil-hin tat-tluq lejn l-Albanija u r-rikorrent minhabba dan spicca biex tilef vaganza li kien irsista ghaliha. Dan in-nuqqas da parti tal-intimat tenut kont ukoll illi kien hemm biss tmien koppji li kellhom imorru ghal din il-vaganza u ghalhekk facilment l-intimat setgha cempel lir-rikorrenti u assigura ruhu li jaf bil-bidliet. Sahansitra l-intimat lanqas indenja ruhu jcempel lir-rikorrenti meta ra li ma kienx prezenti l-ajruport qabel it-tluq anzi telaq minghajr lanqas biss ipprova jaghmel kuntatt. Dan in-nuqqas mhux gust li jghaddi inosservat.

Ikkunsidra ulterjorment

Illi fil-Legislazzjoni Sussidjarja 387.01 Regoli dwar it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi, Regola 12.1 tghid illi 'Jekk l-intimat ma jattendix is-seduta, l-Arbitru jista jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat;

Decizjoni

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu sufficjentement u sal-grad rikjest mill-ligi u ghalhekk skond il-mertu u l-gustizzja sostantiva kif ukoll skond l-ekwita ihoss illi t-talba tieghu ghandha tigi milqugha fl-ammont ta' €1,998 (elf, disgha mija u tmienja u disghin ewro). Dan it-Tribunal qieghed jordna wkoll il-hlas ulterjuri ta' mija u tnejn u sebghin ewro (€172) in kwantu mija u tnejn u hamsin ewro (€152) ammont imhallas ghal insurance ta' dan il-vjagg u l-ammont ta' ghoxrin ewro (€20) li r-rikorrent wehel sabiex jiccertifika d-dokumenti tieghu ghas-safar ghand tabib.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddecidi billi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikkundanna lill-intimat ihallas l-ammont ta' elfejn, mija u sebghin ewro (€2,170). Bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

Avv. Dott. Deborah Attard

Arbitru